A.L. 297 tal-2019: Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data* (Kap. 586); Regolamenti tal-2019 li jirrevokaw ir-Regolamenti dwar in-Notifika u t-Tariffi fl-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data*.

A.L. 298 tal-2019: Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data* (Kap. 586); Regolamenti tal-2019 li jirrevokaw ir-Regolamenti dwar Terzi Pajjiżi (Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data*).

A.L. 299 tal-2019: Att dwar l-Eko-Kontribuzzjoni (Kap. 473); Regolamenti tal-2019 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Eżenzjonijiet fl-Eko-Kontribuzzjoni.

A.L. 300 tal-2019: Kodiċi Kriminali (Kap. 9); Regolamenti tal-2019 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Proċedura Kriminali (Regolament tar-Reġistri, Arkivji u Funzjonijiet tad-Direttur Ġenerali tal-Qrati u Uffiċjali Eżekuttivi tal-Qorti oħra).

A.L. 301 tal-2019: Att dwar il-Ġestjoni tal-Finanzi Pubbliċi (Kap. 601); Regolamenti tal-2019 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku (Emenda Nru 2).

Id-19 ta' Novembru, 2019

L.N. 297 of 2019: Data Protection Act (Cap. 586); Notification and Fees (Data Protection Act) (Revocation) Regulations, 2019.

L.N. 298 of 2019: Data Protection Act (Cap. 586); Third Country (Data Protection Act) (Revocation) Regulations, 2019.

L.N. 299 of 2019: Eco-Contribution Act (CAP. 473); Eco-Contribution (Exemptions) (Amendment) Regulations, 2019.

L.N. 300 of 2019: Criminal Code (Cap. 9); Criminal Procedure (Regulation of Registries, Archives and Functions of Director General (Courts) and Other Court Executive Officers) (Amendment) Regulations, 2019.

L.N. 301 of 2019: Public Finance Management Act (Cap. 601); Public Procurement (Amendment No. 2) Regulations, 2019.

19th November, 2019

**Nru. 1476**

**ORDNI TA' KONSERVAZZJONI U AVVIŻ TA' PROTEZZJONI**

**Artikolu 69 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent (Kap. 549)**

**Regolament 17A tar-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u Ambjenti Naturali (L.S. 549.44)**

L-AWTORITÀ għall-Ambjent u r-Riżorsi hija tal-fehma li s-sit li ġej, jiġifieri:

**L-Istruttura Ġeomorfoloġika fl-inħawi Tal-Mensija**

(kif indikat f'Tabella 1 f'paġna 24,712), hawn iktar 'il quddiem imsemmi "is-sit", hija ta' importanza ġeoloġika, ġeomorfoloġika u fiżjografika u għaldaqstant minħabba l-karatteristiċi naturali fis-sit imsemmi qiegħda toħroġ Ordni ta' Konservazzjoni u Avviż ta' Protezzjoni fuqu.

L-Awtorità hija tal-opinjoni li s-sit ser jibbenefika minn aktar miżuri ta' konservazzjoni u protezzjoni u, bis-saħħa tas-setgħa mogħtija lilha skont l-Artikolu 69 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent (Kap. 549) u bis-saħħa tar-Regolament 17A tar-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u Ambjenti Naturali (L.S. 549.44), li permezz tagħhom tagħmel, fir-rigward ta' kwalunkwe sit mogħni b'karatteristiċi naturali, Ordni ta' Konservazzjoni u Avviż ta' Protezzjoni biex tikkontribwixxi għall-iżgurar tal-konservazzjoni u protezzjoni tal-karatteristiċi ġeoloġiċi, ġeomorfoloġiċi u fiżjografiċi, l-Awtorità b'dan

**No. 1476**

**CONSERVATION ORDER AND PROTECTION NOTICE**

**Article 69 of the Environment Protection Act (Cap. 549)**

**Regulation 17A of the Flora, Fauna and Natural Habitats Protection Regulations (S.L. 549.44)**

THE Environment and Resources Authority is of the opinion that the following site, namely:

**The Solution Subsidence Structure in Tal-Mensija**

(as indicated in Figure 1 on page 24,712), hereafter referred to as "the site", is of geological, geomorphological and physiographic importance and due to the natural features within the mentioned site is hereby issuing a Conservation Order and a Protection Notice.

The Authority is of the opinion that the site will benefit from further conservation and protection measures and, by virtue of its powers under Article 69 of the Environment Protection Act (Cap. 549) and by virtue of Regulation 17A of the Flora, Fauna and Natural Habitats Protection Regulations (S.L. 549.44), through which it may make, in respect of any site endowed with natural features, a Conservation Order and a Protection Notice to contribute towards ensuring the conservation and protection of geological, geomorphological and physiographic features, the Authority is hereby issuing

qiegħda toħroġ Ordni ta’ Konservazzjoni u Avviż ta’ Protezzjoni fir-rigward tas-sit imsemmi hawn fuq.

1. Iż-Żona Speċjali ta’ Importanza Ġeoloġika bl-isem ta’ “L-Istruttura Ġeomorfoloġika fl-inħawi Tal-Mensija” bir-referenza GEO 001, kif delinjat fit-Tabella 1, hija b’dan dikjarata bħala żona protetta.

2. L-għan ta’ din l-Ordni ta’ Konservazzjoni u Avviż ta’ Protezzjoni huwa li jiġu konservati u protetti l-ġeoloġija u l-ġeomorfoloġija ta’ dan is-sit u sabiex jinżammu integri l-karatteristiċi ġeoloġiċi, ġeomorfoloġiċi u fiżjografiċi tiegħu.

3. Is-sit fih żewġ żoni ta’ protezzjoni, kif delinjat fit-Tabella 1. Kwalunkwe interventi f’dawn iż-żewġ żoni li jinvolvu t-tqattigħ jew skavar ta’ blat jew kostruzzjoni ta’ pedamenti fil-blat jeħtieġu permess minn qabel mill-Awtorità:

i. Il-Core Zone, li tinkludi l-istruttura ġeomorfoloġika u l-għar, hija mħarsa strettament u l-Awtorità għandha toħroġ permess biss wara li tkun aċċertat li l-attivitajiet ma jaffettwawx b’mod negattiv l-integrità ġeoloġika, ġeomorfoloġika jew fiżjografika tas-sit;

ii. Il-Buffer Zone hija mħarsa u l-Awtorità għandha toħroġ permess biss wara li tkun aċċertat li l-attivitajiet ma jaffettwawx b’mod sinjifikanti l-integrità ġeoloġika, ġeomorfoloġika jew fiżjografika tas-sit.

4. L-ebda persuna m’għandha twettaq xi intervent, operat jew attività li jista’ jkollu impatt negattiv fuq l-integrità ġeoloġika, ġeomorfoloġika jew fiżjografika tas-sit.

5. Bla ħsara għall-paragrafu 3 u 4, qabel ma jinħareġ kwalunkwe permess minn entitajiet regolatorji għal intervent, operat jew attività li hi, jew tifforma parti minn, pjan jew proġett li:

(i) mhux direttament konness ma’ jew neċessarju għall-protezzjoni tas-sit jew għat-tmexxija tiegħu; u jew

(ii) jista’ jkollu effett sinjifikanti fuq l-integrità ġeoloġika, ġeomorfoloġika jew fiżjografika tas-sit, kemm individwalment jew flimkien ma’ pjan u proġett ieħor,

l-Awtorità għandha tagħmel, teħtieġ jew tobbliga lill-applikant biex jagħmel valutazzjoni tal-impatti u l-implikazzjonijiet rilevanti fuq is-sit.

6. L-Awtorità tista’ wkoll timponi miżuri mitigatorji u kwalunkwe kundizzjonijiet li jidhrulha xierqa u opportuni.

7. L-Awtorità għandha tieħu dawk il-miżuri neċessarji kollha biex tara li l-integrità ġeoloġika, ġeomorfoloġika jew fiżjografika tas-sit tiġi miżmuma.

Id-19 ta’ Novembru, 2019

a Conservation Order and a Protection Notice in respect of the above site.

1. The Special Area of Geological Importance bearing the name “the Solution Subsidence Structure in Tal-Mensija” reference code GEO 001, as delineated in the site map in Figure 1, is hereby being declared as a protected area.

2. The aim of this Conservation Order and Protection Notice is to conserve and protect the geology and geomorphology of the site and to maintain in an integral way the geological, geomorphological and physiographic features of it.

3. The site contains two protection zones, as delineated in Figure 1. Prior permits from the Authority are required for any interventions within these two zones that involve the cutting into or excavation of rock, or construction of foundations within the rock:

i. The Core Zone, which includes the solution subsidence structure and cave, is strictly protected and the Authority shall only grant a permit after having ascertained that such activities do not negatively affect the geological, geomorphological and physiographical integrity of the site;

ii. The Buffer Zone is protected and the Authority shall only grant a permit after having ascertained that such activities do not significantly affect the geological, geomorphological and physiographical integrity of the site.

4. No person shall carry out any intervention, operation or activity which can negatively affect the geological, geomorphological and physiographical integrity of the site.

5. Without prejudice to paragraph 3 and 4, before any permit is granted by regulatory entities for an intervention, operation or activity which is or forms part of a plan or project which:

(i) is not directly connected with or necessary to the protection of the site, or its management; and or

(ii) may have a significant effect on the geological, geomorphological or physiographical integrity of the site, either individually or in combination with another plan or project,

the Authority shall make, require or oblige the applicant to make an assessment of the relevant impacts and implications on the site.

6. The Authority may also impose any mitigation measures and any conditions as it may deem fit and appropriate.

7. The Authority shall take all the necessary measures to maintain the geological, geomorphological and physiographical integrity of the site.

19th November, 2019


ERA
Environment & Resources Authority
Hexagon House, Spencer Hill, Marsa, MRS 1441, Malta
T | +356 2292 3500 W | era.org.mt
Att dwar il-Ħarsien tal-Ambjent
Regolamenti tal-2006 dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u Ambjenti Naturali
Żona Speċjali ta' Importanza Ġeoloġika
Core Zone
Buffer Zone
GEO 001: L-Istruttura Ġeomorfoloġika fl-inħawi tal-Mensija
Bounding Co-ordinates of Map (UTM / Metres):
Min E 453,028; N 3,974,804
Max E 453,204; N 3,974,641
Date: 29 October, 2019
Copyright: Environment & Resources Authority
Base Maps: Mapping Unit, Planning Authority
N
Triq l-Arżnu
Triq is-Sebuqa
Triq is-Sanħarju
Triq l-Ortolan
Triq il-Bies
0
20
Metres